28 ta' Ġunju 2017
50/2017

## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA MILL-KUMMISSJONI GĦALL-ĦARSIEN TAT-TFAL U L-ADULTI VULNERABBLI

B'referenza għas-sentenza tal-Qorti dwar il-każ ta' saċerdot mid-Djoċesi ta' Għawdex li ngħata sentenza ta' ħabs sospiża, il-Kummissjoni għall-Ħarsien tat-Tfal u l-Adulti Vulnerabbli (Safeguarding Commission) tikkonferma li kien l-Isqof ta' Għawdex li rrapporta l-allegazzjonijiet ta' abbuż lill-Pulizija, u li meta tressaq il-każ quddiem ir-Response Team f'Awwissu 2014, is-saċerdot kien ġie sospiż mill-ministeru saċerdotali tiegħu. Din is-sospensjoni għadha fis-seħħ sal-lum.

Il-Kummissjoni għall-Ħarsien tat-Tfal u l-Adulti Vulnerabbli tħeġġeġ lill-pubbliku jikkuntattja lill-Pulizija jew iċempel fuq is-Support Line 179, dwar kwalunkwe allegazzjoni ta' abbuż. Il-Kummissjoni tista' tiġi kkuntattjata fuq info@safeguarding.org.mt.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1,
Floriana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**